MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 888/2002

**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.**

**IMHALLEF:**

**ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.**

**Illum, l-Erbgha 31 t' Ottubru, 2003.**

**Kawza Nru: 15.**

**Citaz Nru: 888/02 JA.**

**Elba Enterprises Limited.**

**-vs-**

**Sovereign Hotels Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-citazzjoni mressqa fil-31 ta' Lulju, 2002 , li bih s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi in forza ta' kuntratt ricevut minn Nutar Henri Vassallo fis-16 ta' Dicembru 1998 is-socjeta' attrici tat u kkoncediet b' titolu ta' lokazzjoni lil dik konvenuta li bl-istess titolu ta' lokazzjoni akkwistat u accettat it-Tudor Hotel gia' Elba Hotel numru 52 Sir Arturo Mercieca Street, Sliema bil-pattijiet u kondizzjonijiet hemm stipulati.

Illi in forza ta' skrittura data 21 ta' Novembru 2001 kopja ta' liema qeda tigi hawn annessa u markata Dokument 'A' il-lokazzjoni giet xolta verso il-korrispettiv ta' hamsa u ghoxrin elf lira ta' Malta (Lm25,000) liema somma s-socjeta' konvenuta obbligat ruhha illi thallas lil dik attrici f' hames (5) rati mensili ta' hamest elef lira ta' Malta (Lm5000) il wahda l-ewwel pagament dovut fl-20 ta' Dicembru, 2001.

Illi a tenur tal-klawsola 3 tal-precitata skrittura gie miftiehem ukoll illi f' kaz illi s-socjeta' konvenuta tkun moruza fil-hlas ta' xi skadenza jibda jiddekorri l-imghax tat-8% fis-sena fuq il-bilanc kollu allura dovut.

Illi s-socjeta' konvenuta ghamlet pagament wiehed biss ta' tlett elef tlett mija u tlieta u sebghin liri ta' Malta u hamsin centezmu (Lm3373.50) fis-7 ta' Frar, 2002 minn liema is-somma ta' Lm268.49 giet appropriata ghall-imghax u il-bilanc ta' Lm3105.01 ghall-kapital.

Illi s-soma intiera ta' hamsa u ghoxrin elf lira ta' Malta (Lm25,000) a tenur tal-istess skrittura kellha tithallas mis-

socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici mhux aktar tard mill-20 t' April, 2002.

Illi ghalhekk illum s-socjeta' attrici tinstab kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' Lm21894.99 oltre l-imghax tat-8% fis-sena fuq l-istess komputtabbli mis-7 ta' Frar, 2002.

Ghalhekk is-socjeta' attrici titlob lill-din l-Onorabbi Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf tmien mija u erbgha u disghin lira ta' Malta u disgha u disghin centezmi (Lm21894.99)dovuta kif fuq intqal.

Bl-ispejjez komprizi dawl tal-Mandat ta' Sekwestru ppresentat kontestwalment ma' dina c-citazzjoni u bl-imghax legali bit-8% fis-sena dekorribbli mis-7 ta' Frar 2002 kontra s-socjeta' konvenuta ngiunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa w in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li biha ammettiet it-talbiet kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta**.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------